Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 18/16 AE

**Mapfre Middlesea Plc gia Middlesea Insurance plc (C-5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha James Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' William's Garage, u l-istess assigurat James Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' William's Garage**

**(appellati)**

**-vs-**

**Bartholomew Parnis u**

**C & F Building Contractors Ltd**

**(appellanti)**

Illum, 22 ta' Settembru 2017.

1. **Din il-kawża tirrigwarda incident li seħħ fit-13 ta' Settembru 2011 meta il-vann LVY-225 (proprjeta` tal-assigurat tas-soċjeta` attriċi) ħabat f'planka li kienet qed tittella' bil-*crane* FBP-013 (proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta u operat mill-konvenut Parnis).**

2. Fl-avviż tagħhom ippreżentat quddiem iċ-Centru Malti tal-Arbitraġġ, is-soċjeta` Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha James Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' William's Garage, u l-istess James Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' William's Garage, sostnew li l-inċident in kwistjoni seħħ unikament tort ta' Bartholomew Parnis u C&F Building Contractors Ltd (jew min minnhom) u li konsegwentement l-istess Bartholomew Parnis u C&F Building Contractors Ltd (jew min minnhom) kellhom jiġu ordnati jħallsu l-ammont ta' **€2,831.82**, rappreżentanti d-danni subiti minnhom. Bl-ispejjeż (inklużi dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Ġunju 2012 u tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awwissu 2012) u bl-imgħaxijiet, kontra l-istess Bartholomew Parnis u C&F Building Contractors Ltd (jew min minnhom).

3. <u>Fir-risposta tagħhom</u> il-konvenuti Bartholomew Parnis u C&F Building Contractors Ltd ikkontestaw ir-responsabilita` tagħhom għall-inċident, u sostnew ukoll illi l-ammont reklamat mill-atturi kien esaġerat.

4. <u>Fid-deċiżjoni li ingħatat fit-30 ta' Ġunju 2016</u>, l-Arbitru Dr Louis Bianchi kkonkluda illi ż-żewġ konvenuti kienu effettivament responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Qies ukoll li l-kontijiet u r-riċevuti esebiti huma kompatibbli mas-*survey report* u għalhekk ikkundanna lill-istess konvenuti iħallsu in linea ta' danni l-ammont ta' €2,831.82 mitlub mill-atturi, bl-imgħaxijiet mid-data tan-nofitika tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awwissu 2012 u bl-ispejjeż.

5. Fil-15 ta' Lulju 2016 il-konvenuti appellaw u talbu lil din il-qorti tħassar il-Lodo Arbitrali tat-30 ta' Ġunju 2016, u ***"filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellati".*** Evidentement dan huwa <u>*lapsus calami*</u> – ma jagħmilx sens li l-konvenuti jitolbu li d-deċiżjoni tal-Arbitru tiġi mħassra imbagħad fl-istess nifs jitolbu li l-<u>eċċezzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda</u> u <u>t-talbiet attriċi jiġu milqugħa</u>. M'hemmx dubju li riedu jitolbu li l-<u>eċċezzjonijiet jintlaqgħu</u>, u <u>t-talbiet attriċi jiġu miċħuda</u>. (Fil-fatt talbu li l-atturi appellati jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.)

6. **<u>L-aggravji</u>** tal-konvenuti appellanti huma dawn:

*(i)* <u>*L-Arbitru ma qiesx ix-xiehda tal-konvenut Bartholomew Parnis:*</u>

Fl-ewwel lok jaċċennaw għall-fatt illi fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru għamel riferenza biss għad-depożizzjonijiet ta' <u>Kenneth Camilleri</u>, <u>Joseph Turner</u>, u <u>Victor Sammut</u>, u ikkummenta li "*Bartholomew Parnis, il-persuna li kienet qegħda topera l-crane Nru FPB-013 ma xehditx…*" Jilmentaw li dan huwa għal kollox inkorrett għaliex <u>Bartholomew Parnis</u> effettivament xehed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013, u in oltre fis-seduta tal-4 ta' April 2014 xehed ukoll l-ispettur <u>Victor Aquilina</u>. Jargumentaw illi ladarba l-Arbitru ma kkunsidrax ix-xiehda u l-atti kollha tal-każ id-deliberazzjoni tiegħu kienet monka.

*(ii)* <u>*L-Arbitru ma messux sab lill-konvenuti responsabbli għall-inċident:*</u>

Fit-tieni lok jgħidu l-Arbitru jidher li akkolla r-responsabilita` għall-inċident in kwistjoni minħabba prekawzjonijiet li deherlu li messhom ħadu. Isostnu nvece li kien Joseph Turner, is-sewwieq tal-vann, li ma kienx prudenti fis-sewqan tiegħu. Jaċċennaw għall-fatt li Turner ra li kien hemm *crane* qed itella' l-planki u għalhekk jargumentaw li messu stenna sakemm kollox ikun "*clear*" qabel ma jagħmel manuvra tas-sewqan. Jaċċennaw ukoll għax-xiehda ta' Parnis, l-operatur tal-*crane*, u senjatament għal dik il-parti fejn qal li kien hemm *barriers* tal-plastik sabiex ma jgħaddux karozzi, u ukoll għall-verżjoni tiegħu illi kien il-vann misjuq minn Joseph Turner li daħal fil-planka, u mhux il-planka li daħlet fil-vann.

7. L-atturi appellati fil-5 ta' Awwissu 2016 wieġbu biex jgħidu għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u d-deċizjoni tal-Arbitru kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti:

(i) Dwar l-ilment tal-konvenuti appellanti li l-Arbitru ma qiesx ix-xiehda ta' Bartholomew Parnis, jaċċennaw għar-rapport tal-pulizija u jsostnu li dan jindika stqarrijiet simili għal dawk li intqalu mill-istess Parnis waqt ix-xiehda tiegħu. Għalhekk isostnu li ma setax ġie kkreat xi preġudizzju fil-konfront tal-konvenuti appellanti.

(ii) Dwar it-tieni aggravju jgħidu li kif saħaq l-Arbitru, kienu l-konvenuti li kellhom l-akbar obbligu li jaċċertaw ruħhom li x-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu ma kienx ser ikun ta' perikolu lit-traffiku. Isostnu li l-provi juru li dan ma kienx il-każ.

(iii) Għall-finijiet ta' kompletezza ġie sottomess fl-istess risposta tal-appell li l-kliem "Middlesea Insurance plc" fl-**okkju tal-kawża** għandhom jiġu sostituti bil-kliem "Mapfre Middlesea plc" stante li s-soċjeta` attriċi biddlet l-isem tagħha.

## Dwar l-okkju tal-kawża:

8. Din il-qorti tosserva li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2015 quddiem l-Arbitru, is-soċjeta` attriċi kienet talbet li l-isem tagħha kellu jsir Mapfre Middlesea plc minflok Middlesea Insurance plc u l-arbitru effettivament awtorizza l-korrezzjoni u ordna li kull fejn hemm indikat Middlesea Insurance plc isir Mapfre Middlesea plc. Fil-fatt fl-okkju tas-sentenza jaqra "Mapfre Middlesea Plc gja Middlesea Insurance plc".

9. Il-qorti tordna korrezzjoni fl-okkju tar-rikors tal-appell u atti sussegwenti sabiex jirrifletti l-korrezzjoni li kien saret fl-istadju ta' arbitraġġ.

**<u>Provi:</u>**

10. Fil-5 ta' Ottubru 2016 ir-Reġistratur taċ-Ċentru Malti tal-Arbtraġġ ippreżenta f' dawn l-atti tal-appell l-inkartament tal-każ quddiem l-Arbitru <u>(Nru M3329/2012)</u>, konsistenti f' dokument *wallet-folder* ta' lewn aħmar. **Minn dan l-inkartament jirriżultaw is-segwenti provi fir-rigward tal-inċident:**

*11. <u>Rapport tal-Pulizija</u>:*

Skont dan ir-rapport, fit-13 ta' Settembru 2011 għall-ħabta tal-17:00, il-pulizija tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ġew infurmati li ħdejn il-kumpless *Skyparks* kienet intlaqtet vettura b'planka tal-konkos. Il-pulizija marret fuq il-post u tkellmet mal-persuni involuti:

(i) <u>Bartholomew Parnis</u> (operatur tal-crane FBP-013) li ġie rraportat jgħid illi:

"…*waqt li kont qed inħaddem crane, qandilt il-planka u ma kinux ġejjin karozzi. Ix-xufier tat-trailer kien moħħu fit-triq. Kif bdejt intella' 'l fuq Victor għamel sinjal lix-xufier tal-vann u dan baqa' ġej. Jiena waqaft u x-xufier tal-vann baqa' dieħel ġol-planka. Ix-xufier tal-vann instema' jgħid: lanqas biss rajtha.*"

(ii) <u>Victor Sammut</u> (li kien bit-trailer) li ġie rraportat jgħid illi:

"*Kont qed inqabbad il-ganċijiet mal-planka. Waqqafna l-karozzi. Il-karozzi baqgħu ġejjin u ntlaqat il-vann.*"

(iii) <u>Joseph Turner</u> (is-sewwieq tal-vann LVY-225) li ġie rraportat jgħid illi:

"*Kont għaddej bil-vettura LVY-225 tal-għamla Ford Transit, għaddew żewġ vetturi, għolla l-planka, daret u laqat il-vann fuq in-naħa tax-xellug.*"

Fl-istess rapport ġie indikat li minn sħarriġ li għamlet il-pulizija, <u>it-triq ma kinitx magħluqa</u>, u li meta hija waslet fuq il-post it-trailer KBL-386 kien laħaq telaq u għalhekk ma għamlitx skizz.

12. <u>Xiehda ta' Kenneth Camilleri</u> (seduta tat-30 ta' Mejju 2013)

Kenneth Camilleri xehed li huwa impjegat mas-soċjeta` attriċi bħala *Claims Executive*. Huwa waqt ix-xiehda tiegħu ippreżenta prospett tad-danni, kopja tas-*survey report* li sar fuq il-vann LVY-225, kif ukoll kopja tar-riċevuta tal-excess, ir-rapport tal-pulizija u r-riċevuti kollha relattivi (Dok KC1 sa KC17).

13. Xiehda tal-Ispettur Victor Aquilina (seduta tal-4 ta' April 2014)

l-iSpettur Victor Aquilina ippreżenta kopja tar-rapport tal-pulizija rigwardanti l-inċident in kwistjoni, liema dokument ġie immarkat Dok VA1. Qal li ma kienx hu li investiga l-inċident.

14. Xiehda ta' Joseph Turner (seduta tal-24 ta' Settembru 2014)

Joseph Turner, is-sewwieq tal-vann LVY-225 xehed li dakinhar tal-inċident kien ħiereġ mill-ajruport mgħobbi bit-turisti. Spjega li kien qiegħed fin-niżla li hemm ħdejn il-kumpless *Skyparks* u quddiemu kien hemm żewġ vannijiet weqfin qegħdin jistennew biex joħorġu. Qal li huwa kien warajhom fit-traffiku. Kompla hekk:

> *"Waqt li kont wieqaf innutajt illi kien hemm crane fuq in-naħa tax-xellug tiegħi li kien qed jerfa' l-planki biex jitpoġġew fuq il-binja Skyparks. F'ħin minnhom rajt li l-crane beda' jtella' dawn il-planki u li meta beda' x-xogħol il-planka daret u daħlet fil-vettura tiegħi billi ħabtet mal-ħġieġa tal-passiġġier u baqgħet tmiss mal-ġenb kollu sa wara."*

Huwa sostna li t-triq fejn seħħ l-inċident ma kinitx magħluqa. Qal ukoll li lanqas kien hemm *warden* jew xi ħadd li kien qed jiddirieġi t-traffiku.

Kontro-eżaminat qal li kien ma' ġenb il-*crane* u kien maqlugħ minnu madwar żewġ metri. Qal li ż-żewġ vannijiet li kienu weqfin quddiemu kienu hemm meta ġara l-inċident. Spjega li "*Kif konna u billi kien hemm il-crane ma stajtx ngħaddi"*. Xehed li kien ilu wieqaf xi tlett minuti u li tul dan il-ħin ra li kienu qegħdin jintrabtu l-planki. Qal ukoll li kien hemm persuna waħda biss fuq it-trailer u din il-persuna ma għamlitlu l-ebda sinjali. Dwar il-planka qal li din ġiet minn quddiemu. Huwa ċaħad li stqarr dak li ġie rapportat fir-rapport tal-pulizija.

15. **Din il-qorti tosserva li fl-inkartament tal-każ quddiem l-Arbitru ma tidher l-ebda traskrizzjoni oħra ta' xiehda**. Madanakollu jidher li barra dawn it-tlett xiehda fil-fatt xehdu wkoll il-konvenut Bartholomew Parnis[1] u Victor Sammut. It-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Bartholomew Parnis (mogħtija fid-19 ta' Novembru 2013) fil-fatt ġiet annessa mar-rikors tal-appell tal-konvenuti, filwaqt li t-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Victor Sammut (mogħtija fit-23 ta' Novembru 2015) jidher li ġiet riportata *verbatim* fid-deċiżjoni arbitrali[2].

16. Xiehda ta' Bartholomew Parnis (seduta tad-19 ta' Novembru 2013)

Bartholomew Parnis qal li fiż-żmien tal-inċident kien jaħdem mas-soċjeta` konvenuta bħala *crane operator.* Qal li dakinhar tal-inċident kienu qegħdin jaħdmu fl-i*Skyparks*. Qal li kien hemm *barriers* tal-plastik sabiex ma jgħaddux karozzi. Qal ukoll li miegħu kellu lil Victor Sammut li dak il-ħin kien qed jorbot il-*crane* mal-planki.

> "*Victor lili wara li jorbot il-planka jagħmilli s-sinjal biex nibda' nerfa l-planka. Victor dak il-ħin għamilli s-sinjal u jiena bdejt nerfa', u kif bdejt nerfa', Victor beda' jgħajjat biex nieqaf, u jiena waqaft. F'dak il-mument rajt vann ġej min-naħa tal-lemin tiegħi li ħabat mal-planka u l-planka dahret lejn il-crane u jiena biex nevita li l-planka tolqot il-kabina erfajtha 'l fuq. Il-planka ma laqtet xejn ħlief il-vann fuq il-bieba tal-passiġġier. Nispjega illi kien il-vann li daħal fil-planka meta jiena kont wieqaf. Meta rajt lil Victor jagħmel mossi lejn id-driver tal-vann, il-vann kien xi għaxar metri 'il bogħod mill-crane. Jista' jkun li qabel ma għadda l-vann għaddiet karozza oħra.*
>
> *Wara l-inċident jiena nżilt mill-crane u mort nara jekk xi ħadd kienx weġġa'. Urejt lid-driver il-barriers li pero` kienu imċaqalqin. Kienu jidhru li qishom imbuttati. Id-driver qalli li ma kien ra lil ħadd jagħmillu sinjal.*"

Kontro-eżaminat qal li t-triq kienet magħluqa (għalkemm ammetta li skont il-Pulizija it-triq ma kinitx magħluqa). Qal ukoll li fil-pożizzjoni li kien fiha ġol-kabina tal-*crane,* ma seta' jara xejn minn dak li kien għaddej fit-triq u kien għalhekk li kien qed juża lil Victor Sammut biex jaralu. Spjega li Victor kien fuq

---

[1] Minkejja li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu ikkummenta li Batholomew Parnis ma xehdx, jidher li fil-fatt xehed iżda għal xi raġuni t-traskrizzjoni ma ddaħlitx fl-atti tal-Arbitraġġ u għalhekk l-Arbitru kien sprovvist minnha.

[2] Għalkemm it-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Victor Sammut ukoll ma tidhirx inserita fl-inkartament tal-Arbitraġġ li ġie ippreżentat f' dawn il-proċeduri, jidher li b'xi mod l-Arbitru ma kienx sprovvist minn tali traskrizzjoni.

it-trailer meta sar l-inċident u huwa seta' jarah.

17. <u>Xiehda ta' Victor Sammut</u> (seduta tat-23 ta' Novembru 2013)

Victor Sammut qal li fiż-żmien tal-inċident hu ukoll kien jaħdem mas-soċjeta` konvenuta. Xehed li jaf lill-konvenut Bartholomew Parnis bħala l-operatur tal-*crane*. Spjega li waqt li kien qed ikun operat il-*crane* kien ikun hemm persuna inkarigata biex twaqqaf il-vetturi, u dan sabiex jiġi evitat il-periklu. Qal li xogħlu dakinhar kien biex huwa jagħti struzzjonijiet lil Parnis, u dan wara li l-persuna l-oħra li kienet tkun f'nofs it-triq tkun waqfet il-karozzi. Fir-rigward ta' kif seħħ l-inċident huwa xehed hekk:

> *"Meta ġara l-inċident jiena kelli dari lejn it-traffiku li kien ġej. Il-crane operator l-ewwel stira l-merkanzija li kien sejjer itella'. Wara li għamilt is-sinjal lill-operator jiena smajt lil sieħbi jgħajjat. Tal-vann baqa' għaddej u ġrat il-ħabta. Dak li kien hemm qed jidderieġi l-karozzi ġie jiġri u qallu lid-driver tal-vann: 'mela ma rajtnix nagħmillek is-sinjal?' Tal-vann qallu, jew 'ma ħadtx każ' jew 'ma rajtux'."*

**<u>Osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

18. Wara li qieset il-provi fuq imsemmija din il-qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet:

- Dakinhar li kien qed jintuża l-*crane* minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu qegħdin isiru fil-kumpless *Skyparks,* it-triq fejn kien il-*crane* ma kinitx magħluqa għat-traffiku li kien ġej mill-ajruport.

- Għalkemm intqal li kien hemm xi *barriers* tal-plastik dawn kienu mċaqalqin u evidentement ma kinux qegħdin iservu l-iskop tagħhom li jagħlqu t-triq. <u>Għaldaqstant kien possibbli għall-vetturi li jgħaddu minn fejn kien qed jopera il-*crane*. Saħansitra fir-rapport tal-pulizija jingħad li *"minn stħarriġ li għamlet il-pulizija, it-triq ma kinitx magħluqa"*.</u>

- Kemm Sammut u kif ukoll Parnis xehedu li kien hemm persuna oħra magħhom fuq il-lant tax-xogħol li xogħolha kien li tidderiġi t-traffiku. Pero'

din il-persuna qatt ma ssemmiet b'isimha u wisq anqas ittellgħet tixhed. Li hu rilevanti hu kif fir-rapport tal-pulizija ma giet identifikata l-ebda persuna li suppost waqfet it-traffiku sabiex il-crane ikun jista' jtella' l-planka.

- Quddiem l-Arbitru Turner xehed li għamel tlett (3) minuti wieqaf wara żewġ vannijiet oħra u li f'dak il-ħin kien qed josserva li kienet qed tintrabat planka mal-*crane*. Issa għalkemm Joseph Turner xehed li l-planka dahret u daħlet fil-vann tiegħu meta huwa kien għadu "*wieqaf*" wara l-vannijiet oħra, fil-verżjoni li ta lill-Pulizija *a tempo vergine*, huwa ġie rrapurtat jgħid illi kien "*għaddej*" u li appena għaddew il-vetturi ta' quddiemu, tal-*crane* għolla l-planka, din dahret u laqtet il-vann misjuq minnu.

- Din il-verżjoni li Turner ta lill-pulizija dakinhar tal-inċident, in kwantu qal li fil-mument li l-*crane* kien qiegħed fil-proċess li jibda' jtella' l-planka huwa <u>kien qed isuq</u>, fil-fatt tikkorabora l-verżjoni li taw Parnis u Sammut (anke jekk fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami ċaħad li qal id-diskors li ġie rappurtat).

19. Irrispettivament jekk il-vann kienx wieqaf jew ghaddej meta sehh l-incident, li hu żgur hu li l-planka ttellghet minn fuq it-trailer fil-hin li kien hemm vetturi. Skont ir-rapport tal-pulizija, ***"it-triq ma kinitx magħluqa"***. Victor Sammut stess in kontro-eżami qal, *"It-triq ma kinitx magħluqa"*. Dan ifisser li vetturi setgħu jgħaddu għalkemm kien hemm periklu evidenti. Hu veru li Bartholomew Parnis, ix-xufier tal-krejn, xehed li *"kien hemm barriers tal-plastik biex ma jghaddux karozzi"*. Pero' fir-rapport tal-pulizija ma jinghadx li Parnis u/jew Sammut qalu li t-triq kienet maghluqa bil-barriers. Dan apparti li l-qorti ssibha diffiżli temmen li fil-ħin li seħħ l-inċident it-triq kienet magħluqa bil-barriers, meta tqies li t-triq hi *exit road* mill-ajruport. Sammut stess meta xehed ma semmiex *plastic barriers*. Hu minnu li Sammut qal li kien hemm persuna oħra li qegħda tidderiġi t-traffiku, pero' naqas milli jidentifikaha. Il-qorti hi tal-fehma li kieku verament kien hemm persuna qegħda tidderiġi t-traffiku, Sammut kien igħarraf lill-pulizija u jidentifikaha meta rrakontalhom

x'kien ġara. Saħansitra, Parnis meta xehed ma semmiex li kien hemm terza persuna tidderiġi t-traffiku u anzi fir-rapport tal-pulizija jingħad li Parnis qal, *"Ix-xufier tat-trailer (Sammut) kien mohhu fit-triq....".* Fic-ċirkostanzi kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti, il-verżjoni ta' Parnis mhijiex korraborata minn Sammut. F'kull każ jekk kellu jkun hemm xi hadd jidderiġi t-traffiku sakemm jittellghu l-planki, dan kellu jkun warden jew pulizija. Din kienet xi haġa elementari.

20. Hu veru wkoll li Parnis xehed li kienet il-vettura misjuqa minn Turner li baqgħet dieħla fil-planka. Pero' din il-verżjoni ma taqbilx ma' dak li rrakkonta Sammut lill-Pulizija: *"l-karozzi baqghu ġejjin u* ***ntlaqat*** *il-vann".* Inoltre', l-ħsara fil-vann kienet fil-ġemb (ara ritratti). Ċirkostanza li tkompli tikkonvinċi lill-qorti li dak li ġara mhuex għaliex il-vann baqgħet dieħla fil-planka, iżda kienet il-planka li laqtet il-vann.

21. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ma tistax temmen li t-triq kienet magħluqa jew li kien hemm persuna qegħda tidderiġi t-traffiku. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li kien hemm vetturi ohra li għaddew qabel dik tal-attur.

22. Il-konvenuti qalu, *"Is-sens komun ighidli ukoll li jekk qed issuq u tara crane qed jopera, ghandek issuq b'kawtela magguri".* Is-sens komun kien jitlob li l-kuntrattur jiżgura li l-affarijiet isiru sew mill-bidunett u mhux qiesu t-triq hi tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-ħsara fil-vann tal-attur, din saret mill-konvenut li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed jopera l-krejn meta kien hemm vetturi fit-triq. Kien fid-dmir tieghu li jhaddem il-krejn b'mod li ma ssirx ħsara lil ħaddiehor. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li mir-rapport tal-pulizija hu evidenti li Parnis ra l-vettura tal-attur qabel seħħ l-incident. Meta mbagħad xehed biddel il-verzjoni u qal, *"Jiena fil-posizzjoni li kont fil-kabina ma stajt nara xejn minn dak li kien ghaddej fit-triq u kien ghalhekk li kont qed nuza lil Victor biex jara".* Dan apparti li bhala l-operatur tal-krejn kien suppost jaf x'tip ta' moviment jista' jkun hemm mill-planka, u ghalhekk kellu wkoll id-dmir li jaċċerta ruħu li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jiġi żgurat li vetturi ma jghaddux biswit il-krejn waqt dik il-manuvra.

23. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ma tara l-ebda raġuni gravi li tista’ twassalha biex tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-arbitru hi irraġonevoli u li qatt ma kellha tkun hekk.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.**

Anthony Ellul.